MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Numru. 42/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Versus**

**Michael Zahra.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Michael Zahra ta’ 33 sena bin Alfred u Mary nee Spiteri imwieled il-Pieta’ nhar 22 ta’ Settembru 1971 u residenti Door 1 Flat 6 Saint John Cavalier Street Valletta detentur tal-karta tal-identita’ bin-numur 0440071 (M)

Akkużat talli fi Gwardamanġja u f’dawn il-Gżejjer fis-6 ta’ Marzu 2005 u matul l-aħħar xahrejn qabel din id-data:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuan jew persuni jew għll-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur ta-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) kif ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kein awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern ta-ddorgi eprikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' t'awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skodn id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingġajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 għall-kontroll intern ta-ddorgi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordianza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

**L-aggravju**

ċ) Kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru

**Ir-reċidiva**

d) Kif ukoll talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika wkoll l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numur 4400 tal-1971, il-fedina penali tal-imputat a fol 3 et, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2005 (fol 14), ir-risposta tal-imputat li 'Mhux Ħati' (fol.19), is-sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat (fol 30 et), l-istqarrija tal-imputat (fol 46), ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol.64), ir-relazzjoni tal-Perit Alexei Pace (fol.96), l-inkjesta redatta mill-Maġistrat Dr.Anthony Vella tas-s6 ta' Marzu 2005 (fol.128), ir-relazzjoni mħejjija minn PS 46 Charles Casha, il-konferma tal-ħatriet tal-esperti magħmula mill-Maġistrat Dr.Anthony Vella fil-mori tal-inkjesta (fol.125), u l-verbal a fol.170.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

5. Semgħet it-trattazzjoni

Ikkonsidrat

**Il-Fatti**

6. L-Ispettur Pierre Grech xehed li xi membri tal-Iskwadra kontra d-droga kienu raw lill-imputat jaħrab minn ġdejn id-detox u jarmi xi oġġett mal-art. L-imputat ammetta mal-Pulizija li l-oġġett mormi kien tiegħu. (Fol.25). L-oġġett kien jikkonsisti f'29 pakkett eroina. Huwa qal li kien qed

iżommhom għal ħaddieħor. Xi ftit jiem qabel kien biegħ pakkett minnhom għal xi ħames liri. L-Ispettur ippreżenta wkoll erba' sentenzi mogħtijin kontra l-imputat. Fil-kontro-eżami ( a fol.80) l-imputat kien ittieħed id-detox.

**L-Istqarrija tal-imputat.**

7. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat qal li kien qiegħed ħdejn id-Detox għx kien qed jistenna persuna biex jagħtiha s-smack. Huwa kien ser jagħti l-pakketti li huwa rema lil din il-persuna. Huwa kien qed iżomm il-pakketti għandu biex forsi jbigħ xi pakkett. Huwa qal li kien żamm il-pakketti ta' ħaddieħor sabiex ibigħ minnhom tliet darbiet. Huwa kien biegħ pakkett il-Ġimgħa u kien ħa Lm5. Dan għaddieha lil sid l-eroina u dan tah Lm2 għas-sigaretti. Huwa qal ukoll li dawk li jkunu ħdejn id-Detox kollha jafu jekk ikollux l-eroina għax l-imputat jgħarrafhom li għandu eroina jekk ikollu.

**Xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni**

8. PS 1044 Gordon Calleja, PC 351 Borg, u PC 706 Norman Cremona ddeskrivew a kif kien segwew lil Michael Zahra fis-6 ta' Marzu 2005 u rawh jarmi l-pakkett. (Fol.49, u 51 u 65). Il-fatti seħħew filgħodu. Norman Cremona għamilha ċara fix-xhieda tiegħu li kellu viżwali tajba meta ra lill-imputat jarmi l-oġġett. (Fol.68).

9. L-Ispiżjar Mario Mifsud stabilixxa li l-esibit kien fih 29 borża, li kiellhom piż tal-eroina li jvarja bejn 0.041 u 0.168 grammi. L-ammont kien ta' 3.592 grammi u l-purita' kienet ta' 18%. Mistoqsi mid-difiża kemm ammonti bniedem kapaċi jieħu, huwa wieġeb li dan jiddependi mill-persuna.

10. PC 138 Joseph Portelli xehed li kien ra lill-imputat jarmi borża fl-art. (Fol.71). L-imputat twaqqaf minn PC 706 u PC 351. Fil-borża kien hemm 29 kantuniera suspettata droga. Il-fatti seħħew 'l isfel mill-bankina fejn

id-detox. (fol.72). Ix-xhud kien wara l-imputat meta dan rema l-pakkett. (Fol.77).

11. Il-Perit Alexei Pace ikkonferma li minn fejn kien intlemah l-imputat sad-Detox kein hemm madwar sitt metri. (fol.93). Il-Junior lyceum kien jaqa' barra mill-mitt metru iżda l-Istitut tal-Ursolini u St.Angela Nursery School jinsabu fir-raġġ tal-mitt metru.

12. Għal skopijiet tar-reċidiva, l-Ispettur Norbert Ciappara kkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Spettur Alexander Miruzzi versus Michael Zahra' tat-3 ta' April, 2000 mogħtija mill-Maġistrat Dr.Carol Peralta. (Il-fatti seħħew fis-6 ta' Marzu 2005 u x-xahrejn ta' qabel).

13. PS 1374 Edgar Dalli għamel eżamijiet għall-impronti diġitali u r-riżultat kien wieħed negattiv.

14. PS Charlo Casha kkonferma r-relazzjoni tiegħu dwar ir-ritratti li kien ħa.

**Xhieda Difiża**

15. L-imputat xehed fid-9 ta' Frar 2007 u qal li ma kienx jaħdem. Fil-preżent kien fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin għaliex kien seraq stereo. Stqarr li ilu jieħu d-droga għoxrin sena. Beda jieħu l-eroina meta kellu 16. Huwa kien għamel programme ggradwa. Meta kien weħel il-ħabs huwa kien irribella. Huwa lanqas kien jaffordja jixtri pakkett aħaseb u are kemm jixtri 30. Huwa kien qed iżomm dawn il-pakketti għal ħadd ieħor. Meta l-Qorti qaltlu li huwa kien qal:

'Jien kont qed inżommhom għandi biex forsi nbiegħ xi pakkett jew tnejn biex forsi jagħtini xi pakkett eroina b'xejn.'

l-imputat qal:

'Le m'għidtx hekk. Kulma għidltlu, għidtlu forsi jagħtini pakkett lili, għidltlu jista' forsi nbiegħ minn tiegħi stess l-pakkett biex nixtri pakkett sigaretti.' (fol.158).

L-imputat baqa' jinsisti li dik il-parti li jbiegħ xi pakkett ma kenitx vera. (fol.159).

Filfatt aktar 'l isfel kompla:

'Għidltu ġieli minn pakkett kont naqsmu u nagħtih lil xi ħadd biex ikolli Lm2 jew Lm3.''

Huwa kien jagħmel hekk biex isostni l-vizzju tiegħu. (Fol.160).

16. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2009, l-imputat spjega li hu trafikar ma kienx jaf x'inhu u li ried itella' l Dr.Grech sabiex juri kemm l-imputat kien bniedem diffiċli. Wara li kien ħareġ mill-ħabs, huwa kien qed jieħu l-methadone u d-droga. (Fol.172). Fis-Satu huwa kien sab ħafna għajnuna.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

17. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa dak li stqarr l-imputat a tempo vergine. Huwa kien ammetta li kien biegħ pakkett wieħed il-Ġimgħa. Dan it-tip ta' bejgħ huwa kien għamlu darbtejn għaliex fil-jum li qabduh il-Pulizija huwa ma kienx leħaq biegħ. Il-Qorti qieset ukoll li meta xehed l-imputat ipprova jirtokka xi ftit din il-verżjoni (ara paragrafu 15) iżda l-Qorti mhix qed temmen dan l-irtokk li bih kważi ried jgħid li kien jaqsam ma' ħadd ieħor.

18. Xejn ma jgħodd li l-imputat kien qed ibiegħ biex isostni l-vizzju tiegħu. Qed jingħad ukoll li meta l-imputat kien qed iżomm il-pakketti tal-eroina għal ħadd ieħor, jara jbigħx xi pakkett u wara jirritorna l-istess pakketti lil sidhom huwa xorta jkun qed ibiegħ jew iforni. Dan l-att xorta jaqa' taħt id-definizzjoni ta' 'Traffikar' kif jidher mid-definizzjoni li hemm fl-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 u kif kien stabbilit fil-każ 'Il-Pulizija versus Trabelsi' (Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri – Imħallef Dr.LinoAgius).

19. Għaldaqstant, abbażi ta' dak li qal l-imputat stess fl-istqarrija, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-imputat huwa ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

20. L-imputat inqabad b'29 pakkett tal-eroina f'idejh. Hu xehed li dawn kien qed iżommhom għal ħadd ieħor. B'danakollu l-pussess fil-kamp tad-drogi ma jfissirx li wieħed ikun sid. Biżżejjed li meta tintervjeni l-Pulizija d-droga tkun taħt il-kontroll tal-persuna imputata. . M'hemmx dubju li l-imputat kellu tali kontroll. Dan jidher mill-istqarrija **kif ukoll mix-xhieda okulari u l-provi forensiċi.** Barra dan, l-imputat stqarr li kein qed jipprova jbiegħ xi pakkett u li hu ma kellux flus biżżejjed biex jixtri tletin pakkett. Isegqi li l-Proekuzzjoni ippruvat li l-imputat kellu l-pussess tal-eroina f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

**L-aggravju**

21. Mir-relazzjoni tal-Perit Alexei Pace, jirriżulta li l-imputat kien b'dan l-ammont qrib id-Detox, post li huwa ffrekwentat miż-żgħażagħ. Għalhekk dan l-aggravju huwa ppruvat ukoll.

22. L-aħħar imputazzjoni, ir-reċidiva, hija wkoll ppruvata għaliex is-sentenza li ngħatat fil-konfront tal-imputat kienet waħda ta' priġunerija u ngħatat fi żmien ħames snin qabel ma sar ir-reat odjern. Għalhekk din l-imputazzjoni kienet ukoll ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

**Konklużjoni**

23. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, ir-regoli 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsmijiet 4 u 6 kif ukoll l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(1B) u l-proviso dwar id-distanza li jidher bħala it-tieni proviso taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) – kollha tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-

ewwel, tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni kif ukoll tal-aggravju li jidher bħala t-tielet imputazzjoni.

24. Bħala piena, l-Qorti qed tqis li l-imputat huwa reċidiv u li jidhr li l-bjegħ kien sar aktar minn darba. Barra dan l-imputat ma kienx bogħod mid-Detox. Waqt li qed tqis li l-imputat għamel sforzi beix joħroġ mill-vizzja, il-Qorti qed tirrepeti li ħadd m'hu ġustifikat li jbiegħ id-droga biex isostni l-vizzju tiegħu. Dan l-argument bl-ebda mod ma jista' jiġi aċċettat. Il-Qorti qieset ukoll li l-imputat kien qed iżomm għadd ta' pakketti għal ħadd ieħor 'biex forsi jsib ibigħ xi pakkett.' Il-pakketi jidhru li kienu lesti għall-bejgħ kif jidher mill-piż kważi identiku tagħhom. Wara li qieset dawn il-fatturi kollha, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal tmintax-il xahar priġunrija u għall-ħals ta' multa ta' €800. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' 50 Ewro kull xahar bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

25. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti

(i) mhux tapplika dan la-rtikolu għal dawk l-ispejjez li huma strettament marbuta mal-inkjesta għaliex din saret qabel is-16 ta' Jannar , 2006

(ii) iżda qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-Pwerit Alexei Pace u ta' PS 1374 Edgar Dalli għaliex dawn inħatru matul il-proċeduri u jammontaw għal (Lm148.50 + Lm17.00 = Lm165.50 = €387.27). Dawn għandhom jitħallsu fi żmien xahar mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' dawn l-ispejjeż, dawn jinbidlu awtomatikament f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

26. Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------